

Brussell, 24 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7169/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0411 (NLE)**

**ECOFIN 309
UEM 103
FIN 388
ECB
EIB**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Irkupru ekonomiku fl-Ewropa; Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fil-qafas tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-Italja (Bażi legali: Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2021/241) - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni li tapprova l-valutazzjoni pożittiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") tal-Italja f'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, kif tinsab fid-dokumenti 10160/21 + ADD 1 REV 2.
2. Il-Kunsill emenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni msemmija hawn fuq fid-19 ta' Settembru 2023, fit-8 ta' Diċembru 2023, fl-14 ta' Mejju 2024, fit-18 ta' Novembru 2024, fl-20 ta' Ġunju 2025 u fis-27 ta' Novembru 2025.
3. Fit-23 ta' Frar 2026, l-Italja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 minħabba li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, l-Italja ppreżentat RRP emendat.

4. Il-Kummissjoni tqis li l-emendi ppreżentati mill-Italja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stipulat fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (g), (h), (i), (j) u (k), tar-Regolament (UE) 2021/241.
5. F'dan il-kuntest, abbażi tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-9 ta' Marzu 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, li tinsab fid-dokumenti ST 7065/26 u ST 7065/26 ADD 1-2.
6. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji eżamina l-proposta fl-24 ta' Marzu 2026 u laħaq qbil dwar it-test, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti.
7. It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif finalizzat mill-ġuristi lingwisti, jinsab fid-dokumenti ST 7138/26 u ST 7138/26 ADD 1.
8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-testi, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti, ta':
 - a) id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif tinsab fid-dokument ST 7138/26, u
 - b) l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Italja, kif jinsab fid-dokument ST 7138/26 + ADD 1, u
 - jirrakkomanda lill-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni msemmija hawn fuq flimkien mal-Anness tagħha bħala "Punt A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss.